# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**(Aġent President)**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 22 ta' Frar, 2024.**

**Numru 1**

**Rikors numru 1169/13/1 GM**

**Josephine Camilleri bħala kuratriċi ta' ommha Antonia Camilleri u Mary Mifsud, Emanuel Camilleri, Victoria Saliba u Paul Camilleri għal kull interess li jista' jkollhom**

**v.**

**Yvonne Camilleri u żewġha Joseph Camilleri**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-konvenuti miżżewġin Yvonne u Joseph Camilleri minn deċiżjoni finali mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar l-14 ta' Lulju, 2022, li permezz tagħha laqgħet f'parti minnhom it-talbiet attriċi billi: (i) iddikjarat li meta Antonia Camilleri ffirmat

kuntratt ta’ donazzjoni datat 19 ta’ April, 2011, hi kellha l-kunsens tagħha karpit bi vjolenza u b’qerq min-naħa tal-konvenuti billi hija kienet ta’ volontà tant baxxa u dgħajfa li kienet strument f’idejhom u ġiet abbużata minnhom; (ii) annullat, irrexxendiet u ħassret l-imsemmi kuntratt; (iii) ħatret Nutar sabiex jippubblika l-att relattiv ta’ rexxissjoni tal-kuntratt; u (iv) ħatret avukat sabiex jidher fuq il-kuntratt ta’ rexxissjoni għall-eventwali kontumaċi. Il-kuntratt kellu jiġi ppubblikat mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data tas-sentenza.

**Daħla**

2. B’rikors maħluf imressaq fis-6 ta’ Diċembru, 2013, l-atturi jgħidu li huma wlied l-interdetta Antonia Camilleri u li l-attriċi Josephine Camilleri hija l-persuna maħtura mill-Qorti kompetenti bħala kuratriċi ta’ ommha. Ifissru wkoll li l-konvenut Joseph Camilleri huwa ħuhom, filwaqt li l-konvenuta Yvonne Camilleri tiġi martu.

3. Jissoktaw jgħidu li Antonia Camilleri hija mara anzjana residenti f’dar tal-anzjani fil-Mosta u tbati ferm minn kundizzjonijiet mentali li jċajpru ħafna l-volontà tagħha. Jgħidu li bejnhom u l-konvenuti kellhom u għad għandhom diversi tilwimiet u anke kien hemm pendenti xi kawżi ta' ksur ta’ bon ordni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta). Ifissru li fil-kors ta’ dan it-tilwim huma saru jafu li l-konvenuta ċjoè martu, ġiegħlu lill-anzjana

Antonia Camilleri sabiex tagħmel kuntratt ta' donazzjoni li permezz tiegħu l-anzjana llum interdetta għaddiet ħdax-il parti minn erbgħa u għoxrin [11/24] partijiet indiviżi tal-garaxx numru 12, fi Triq Dun Karm Xerri, in-Naxxar bis-saħħa tal-kuntratt datat 19 ta' April 2011 fl-atti tan-Nutar Dr Marco Farrugia.

4. L-atturi jgħidu li Antonia Camilleri qatt ma xtaqet tagħmel dan l-att ta' donazzjoni bi ħsara tal-ulied l-oħra tagħha għaliex hija riedet li wliedha jkollhom il-ġid tagħha mqassam indaqs bejniethom. Ikomplu li Antonia Camilleri ffirmat dan il-kuntratt ta' donazzjoni kontra l-volontà tagħha, bi żball, b'theddid u bi vjolenza u anke b'għemil doluż. B'hekk il-kunsens ta' Antonia Camilleri fil-kuntratt ta' donazzjoni msemmi ġie meħud b'mod illeġitimu, b'theddid, bi vjolenza, bi frodi, kontra l-volontà tagħha u bi żball billi Antonia Camilleri kienet ta' volontà tant dgħajfa li kienet strument f'idejn l-konvenuti u ġiet abbużata minnhom bl-aktar mod infami, u għalhekk dan il-kuntratt għandu jiġi annullat għax hija qatt ma riedet titrasferixxi sehem mill-proprjetà msemmija lill-konvenuta Yvonne Camilleri.

5. Minħabba f'hekk fetħu din il-kawża u talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *"1 Tiddikjara u tiddeċiedi li meta ffirmat il-kuntratt ta' donazzjoni datat 19 ta' April 2011, in atti Nutar Marco Farrugia, Antonia Camilleri, kellha l-kunsens tagħha karpit b'għemil doluż, bi vjolenza, theddid da parti tal-konvenuti u li l-kunsens tal-imsemmija anzjana fl-imsemmi kuntratt ġie*

*mogħti bi żball ta' fatt, kif ukoll li l-imsemmi kuntratt huwa simulat;*

*2 Tannulla, tirrexxindi u tħassar l-att ta' donazzjoni tad-19 ta' April 2011 fl-atti tan-Nutar Marco Farrugia li bih il-konvenuta Yvonne Camilleri ppretendiet li akkwistat mingħand Antonia Camilleri ħdax-il parti minn erbgħa u għoxrin sehem indiviż [11/24] tal-garage numru 12 fi Triq Dun Karm Xerri, Naxxar u dan kontra l-volontà tagħha stante illi Antonia Camilleri kienet ta' volontà tant baxxa u debboli li kienet strument f'idejn il-konvenuti u ġiet abbużata minnhom b'mod infami u għalhekk il-kuntratt rigward il-proprjetà msemmija huwa null, invalidu u bla effett fil-liġi;*

*3 Tinnomina Nutar pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv ta' rexxissjoni tal-kuntratt inkwistjoni u biex jagħmel dak kollu neċessarju skont il-liġi biex l-imsemmi att ta' rexxissjoni rigwardanti l-proprjetà hawn fuq imsemmija jiġu reġistrati fir-Reġistru Pubbliku u fir-Reġistru tal-Artijiet skont il-Liġi;*

*4 Tinnomina kuraturi għall-eventwali kontumaċja u tiffissa jum, ħin u lok għal publikazzjoni tal-imsemmi kuntratt ta' rexxissjoni".*

6. Il-konvenuti wieġbu fis-26 ta' Frar, 2014 b'risposta maħlufa fejn eċċepew:

*"1. Id-domandi attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom billi l-kuntratt ta' donazzjoni li tiegħu qiegħda tintalab ir-rexissjoni la kien vizzjat b'għemil doluż, la bi vjolenza, la b'theddid, la b'simulazzjoni u lanqas bi żball ta' fatt kif jiġi pruvat fid-dettall waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

*2. Għar-raġunijiet fuq premessi, din il-Qorti ma għandhiex tannulla, tirrexxindi u tħassar l-att ta' donazzjoni kif lanqas allura ma hemm il-ħtieġa li tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att tar-rexissjoni, kif lanqas ma għandha tinnomina kuraturi għall-eventwati kontumaċja.*

*3. L-unika azzjoni infami li ġiet ipperpetrata hija dik ipperpetrata mill-atturi illi mhux biss infexxew, kif ilhom jinfexxu s-snin, f'kalunji kontra l-eċċipjenti iżda saħansitra żeffnu fin-nofs lin-Nutar Marco Farrugia u xlewh illi f'konfoffa mal-esponenti ġiegħel li persuna "ta' volontà tant baxxa u debboli ssir strument f'idejn l-esponenti u minnhom abbużata" b'dan illi ma jistax ikun illi dan ma kienx a konoxxenza tan-Nutar illi b'kompliċità mal-esponenti ppubblika kuntratt frawdolenti u infami; din l-infamja qiegħda tiġi wkoll bla ebda skruplu addebitata wkoll lill-konsulent psikjatra li kien ħareġ ċertifikat li Antonia Camilleri kienet kapaċi tagħmel dan il-kuntratt ta' donazzjoni li a bażi tiegħu wkoll in-Nutar, dejjem wara li ċċerżjoraha, serraħ rasu, li dak li xtaqet Antonia ġie riprodott fil-kuntratt ta' donazzjoni".*

7. Wara li l-Ewwel Qorti laqgħet it-talba tagħhom, il-konvenuti ressqu risposta maħlufa ulterjuri li permezz tagħha eċċepew li: *«it-talbiet attriċi huma preskritti ai termini tal-Artikolu 1222(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.»*

8. B'sentenza finali mogħtija nhar l-14 ta' Lulju, 2022 l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża hekk:

> *"(1) Tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.*
>
> *(2) Tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħrajn tal-konvenuti.*
>
> *(3) Tilqa' in parte l-ewwel talba billi tiddikjara li meta ffirmat il-kuntratt ta' donazzjoni datat 19 ta' April 2011, in atti Nutar Marco Farrugia, Antonia Camilleri, kellha l-kunsens tagħha karpit b'għemil bi vjolenza u qerq da parti tal-konvenuti, billi Antonia Camilleri kienet ta' volontà tant baxxa u debboli li kienet strument f'idejn il-konvenuti u ġiet abbużata minnhom.*
>
> *(4) Tilqa' t-tieni talba billi tannulla, tirrexxindi u tħassar l-att ta' donazzjoni tad-19 ta' April 2011 fl-atti tan-Nutar Marco Farrugia li bih il-konvenuta Yvonne Camilleri ppretendiet li akkwistat mingħand Antonia Camilleri ħdax-il parti minn erbgħa u għoxrin sehem indiviż [11/24] tal-garage numru 12 fi Triq Dun Karm Xerri, Naxxar.*
>
> *(5) Tilqa' t-tielet talba billi tinnomina lin-Nutar Josef Masini Vento sabiex jippubblika l-att relattiv ta' rexxissjoni tal-kuntratt inkwistjoni u biex jagħmel dak kollu neċessarju skont il-liġi biex l-imsemmi att ta' rexissjoni rigwardanti l-proprjetà hawn fuq imsemmija jiġu registrati fir-Reġistru Pubbliku u fir-Reġistru tal-Artijiet skont il-Liġi.*
>
> *(6) Tilqa' r-raba' talba billi tinnomina lill-Avukat Martha Mifsud għall-eventwali kontumaċja u tawtorizza lin-Nutar jiffissa jum, ħin u lok għal pubblikazzjoni tal-imsemmi kuntratt ta' rexissjoni, mhux iktar tard minn sitt xhur mid-data ta' din is-sentenza.*
>
> *Spejjeż a kariku tal-konvenuti, b'dan illi n-nutar u l-kuratriċi jitħallsu proviżorjament mill-attriċi".*

9. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti biex iddeċidiet hekk huma dawn:

> *"Wara li l-atturi ressqu l-provi tagħhom, il-konvenut eċċepixxa ulterjorment li a tenur tal-Artiklu 1222 tal-Kodiċi Ċivili, normalment azzjoni għar-rexxissjoni minħabba (inter alia) vjolenza, żball, għemil doluż, l-azzjoni taqa' għeluq sentejn. Id-dies a quo iżda mhix mid-data tal-għemil doluż jew vizzju tal-kunsens ieħor, iżda "minn dakinhar li jinkixef id-difett" (Art. 1123(1) tal-Kodiċi Ċivili). Billi l-eċċipjent isir attur fir-rigward tal-eċċezzjoni tiegħu, huwa l-konvenut li jrid jipprova d-data tad-die scientiae u dan bi provi univoċi, konklussivi, kredibbli u attendibbli[1]. Ħaġa li l-konvenut naqas milli jagħmel. Barra minn hekk, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni hija waħda odjuża u għalhekk għandha tingħata interpretazzjoni restrittiva[2]. Din l-eċċezzjoni ma jistħoqqilhiex li tirċievi favur.*
>
> *Huwa opportun li qabel ma titratta l-mertu tal-każ il-Qorti telenka kronoloġikament l-fatti rilevanti sabiex wieħed ikun jista' jifhem aħjar iċ-ċirkostanzi tal-każ:*
>
> *......*
>
> *Il-partijiet qablu li l-provi fil-kawża 658/14, li kienet dwar l-impunjazzjoni tat-testment sigriet, għandhom japplikaw għal din il-kawża, li hija dwar kuntratt ta' donazzjoni li sar xahrejn qabel it-testment sigriet, salv kontroeżamijiet.*
>
> *S'intendi l-prova f'kawża oħra, ukoll jekk bejn l-istess partijiet, u b'riferenza għall-istess ċirkostanzi jew ċirkostanzi simili, ma jistgħux jittieħdu bħala ppruvati fit-tieni kawża, imma jridu jiġu aċċettati mill-Qorti, anke jekk ikun hemm qbil bejn il-partijiet[3], u, anke jekk jiġu aċċettati mill-Qorti, huma soġġetti għall-evalwazzjoni ħielsa mill-Qorti fit-tieni kawża – sakemm, iżda, ix-xhieda ma tkunx ġiet inkorporata fl-ewwel sentenza bħala "findings of fact", f'liema eventwalità l-partijiet jkunu marbutin biha fit-tieni kawża. Għalhekk ma jibqax iktar każ ta' importazzjoni ta' xhieda minn proċess għall-ieħor, imma ta' fatti ġudizzjarjament ikkonstatati.*
>
>> *"… hemm ukoll motiv ieħor li fuqu s-sustanza tal-kontenut tad-depożizzjoni inkwistjoni, jekk mhux id-depożizzjoni stess, setgħet tiġi użata qalb il-materjal probatorju ta' din il-kawża. Dan huwa l-fatt li xi partijiet ta' dik id-depożizzjoni ġew, bħala riżultat tagħha u tad-deliberazzjoni tal-Qorti, inkorporati fis-sentenza tal-kawża tal-iżgumbrament. L-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża* ***Xuereb utrinque***

[1] ***John Grech v. Ivan Mifsud*** 26.02.2007 Prim'Awla.

[2] ***Mariosa Bonavia v. Brian Grima*** 29.11.2017 Prim'Awla u r-rassenja tal-ġurisprudenza hemm miġbura.

[3] ***Anni Cuschieri v. Paolo Vella*** 30.06.1963 Prim'Awla, Imħ. M. Caruana Curran, **XLIX.ii.1001** ara paġna 1011.

> ***(Kollez. XXXVII.i.411)*** *segwita minn din il-Qorti l-istess preseduta f'**Sciortino utrinque** (23 ta' Ġunju, 1964), għallmet li l-ġudikati preċedenti u l-konstatazzjoni tal-fatti li jimplikaw fil-konfront tal-partijiet għandhom jiġu meħuda bħala deċiżivi għax għall-partijiet jagħmlu stat definitiv (omissis). (I)l-meritu m'hemmx bżonn li jkun identiku, anzi narament jista' jkun hekk, ċjoè biss fil-każijiet ta' xi liberazzjoni ab observantia minħabba xi eċċezzjoni ritwali, għax inkella jkun hemm l-ostakolu tar-res judicata. F'dan il-każ il-partijiet ta' din il-kawża kienu wkoll partijiet fl-ewwel kawża u l-mertu huwa intimament konness. Għaldaqstant il-Qorti għandha l-fakultà li tieħu inkonsiderazzjoni dawk il-partijiet tas-sentenza tal-15 ta' Ottubru 1959, li ma humiex sempliċi riepilogu tal-verżjonijiet kunfliġġenti tax-xhieda imma jikkostitwixxu veri u proprji "findings of facts" u li minnhom jemerġu, bħala fatti ġudizzjarjament ikkonstatati (u għalhekk mhux iżjed kwistjoni ta' importazzjoni ta' prova testimonjali minn proċess ċivili għall-ieħor)"*[4].

*Il-Qorti tal-Appell fil-kawża 658/14 ibbażat is-sentenza tagħha fuq dawn il-konsiderazzjonijet li jinkorporaw fihom ċerti findings of fact li .. japplikaw ukoll għal din il-kawża:*

> *"8. Minn din it-"timeline" wieħed ma jistax ma josservax fl-ewwel lok il-kontradizzjonijiet fid-dikjarazzjonijiet u l-aġir tal-ġenituri tal-kontendenti, senjatament fejn:*
>
> > *"- iddikjaraw li għandhom fiduċja fil-konvenut, imbagħad iddikjaraw li m'għandhomx, imbagħad il-missier, u ftit wara l-omm, għamlu prokuri favur tal-konvenut; u*
> >
> > *"- iddikjaraw li riedu li l-ġid kollu tagħhom jinqasam ugwalment bejn is-sitt aħwa u li l-konvenut ma ħaqqu xejn iktar minn uliedhom l-oħra għad-doveri li għamel fil-konfront tagħhom stante li l-oħrajn kollha jagħmlu doveri bla ħlas, imbagħad l-omm iddikjarat li l-kumpens li kienu ħadu mingħand il-Gvern tal-art għaddewh lill-konvenut bħala serviġi ta' kemm dar bihom. Barra minn hekk l-omm għamlet donazzjoni ta' sehem indiviż minn garaxx lil mart il-konvenut u għamlet ukoll testment fejn ħalliet kollox lill-konvenut (ir-raġuni għaliex saret il-kawża odjerna).*
>
> *9. Minn dan kollu huwa evidenti li (kif osservat l-ewwel Qorti) kienet qed issir pressjoni indebita miż-żewġ naħat fuq il-ġenituri tagħhom. Jidher però li filwaqt li dak li xtaqu l-atturi kien li l-aħwa kollha jieħdu l-istess mill-ġid tal-ġenituri tagħhom; il-konvenut jidher li ppretenda iktar minn hekk. Ta' sinjifikanza partikolari huwa l-fatt li hekk kif il-konvenut sar jaf li kien hemm proċeduri għall-interdizzjoni ta' ommhom, u ppreżenta r-risposta relattiva għar-rikors ta' ħutu, proprju ġimgħa wara sar it-testment ta' ommu, fejn addirittura ħallietlu kollox!*
>
> *10. Huwa minnu li l-azzjoni odjerna mhix ippernjata fuq l-inkapaċità mentali tal-omm, u għalhekk din il-Qorti mhix ser tiffoka wisq fuq ir-riżultanzi tal-psikjatri/tobba fir-rigward. Madanakollu ma jistax jiġi kkontestat li fiż-żmien li sar it-testment, Antonia Camilleri kienet mara anzjana u vulnerabbli u allura ferm suxxettibbli għad-dolo. Ovvjament, il-fatt innifsu li kienet vulnerabbli ma jfissirx "awtomatikament" li t-testment għamlitu għaliex kienet imġiegħla, kif tajjeb jargumenta l-konvenut appellant. Iżda l-kundizzjoni tagħha, flimkien mas-segwenti*

[4] ***Cuschieri v. Vella*** ġa kkwotata, paġna 1064 u 1065.

*fatti, ċjoè:*

*(i) l-fatt li t-testment sar ġimgħa wara li l-konvenut sar jaf bil-proċeduri tal-interdizzjoni;*

*(ii) iċ-ċirkostanzi tal-mod kif sar it-testment u x-xiehda xejn kredibbli tal-konvenut fir-rigward; u*

*(iii) id-dinamika familjari tal-konvenut u martu vis-à-vis Antonia Camilleri li toħroġ mid-DVD li ppreżenta l-konvenut stess, jindikaw mhux bil-ftit l-intervent tiegħu. Dan kollu jimmilita konsiderevolment kontra l-allegazzjoni tal-konvenut Ii t-testment sar liberament minn ommu u li ma kinitx imġiegħla minnu biex tagħmlu u tiffavorixxi lilu.*

*11. Veru li n-Nutar Marco Burlò xehed li Antonia Camilleri kienet waħedha miegħu u mas-segretarja tiegħu meta qaltlu kif riedet tiddisponi minn ġidha, u veru wkoll li xehed li ma kien hemm xejn li seta' wasslu biex jissuspetta li kienet qed tagħmel it-testment kontra r-rieda tagħha, madanakollu, dan ma jeskludix li hija kienet fil-fatt imġiegħla mill-konvenut biex tagħmel it-testment u tħallilu kollox. Ta' rilevanza ukoll hu l-fatt li tqabbad nutar li mhux soltu jinqdew bih, bħalma kien in-Nutar John Spiteri.*

*12. Bint il-konvenut, Priscilla Agius xehdet li nannitha kienet qaltilha biex iġġibilha nutar u li hija kienet sabet lin-nutar Burlò fuq il-"yellow pages" u talbitu jmur fid-dar tal-anzjani "biex jara x'għandha bżonn". Qalet li kienet iltaqgħet miegħu u mas-segretarja tiegħu barra d-dar tal-anzjani u spjegatilhom fejn kienet il-kamra ta' nannitha.*

*13. Il-konvenut da parti tiegħu xehed hekk: "ma kelli x'naqsam assolutament xejn mat-testment li ommi għamlet man-Nutar Dr Marco Burlò fit-22 ta' Ġunju 2011 u lanqas biss kelli idea illi dan it-testment kien qed isir. Jiena sirt naf illi ommi għamlet dan it-testment meta rajt il-kont tan-nutar. Ma niftakarx jekk kontx irċevejt il-kont id-dar jew kontx rajtu meta mort nara lil ommi ġewwa l-home. Li naf hu illi meta rajt il-kont u mort inżur lil ommi bħas-soltu ġewwa l-home ommi kienet qaltli li għamlitu u li ġabitilha n-Nutar binti, Priscilla Agius.*

*14. In-Nutar Dr Marco Burlò xehed li t-testment sar fid-dar tal-anzjani fejn kienet residenti Antonia Camilleri. Jirriżulta li n-Nutar fil-fatt mar darbtejn: l-ewwel darba meta sar it-testment (fit-22 ta' Ġunju 2011), u t-tieni darba meta saret id-dikjarazzjoni Dok DB1 (fit-12 ta' Lulju 2011), vide supra. (Jiġi enfasizzat li kemm it-testment, u kif ukoll id-dikjarazzjoni, jiffavorixxu lill-konvenut u huma ta' vantaġġ għalih). In-Nutar xehed li ltaqa' mal-konvenut barra r-residenza tal-anzjani, għalkemm mhux ċert jekk dan kienx l-ewwel jew it-tieni darba li mar: "Iltqajt mas-sinjur barra, ma nafx jekk biex jurini fejn, la naf l-ewwel darba jew it-tieni darba, ma nafx." Xehed ukoll li jekk jiftakar sew, il-konvenut kien mar għandu. Xehed ukoll illi l-flus tahomlu l-konvenut: "Tani l-flus dak li mbagħad meta nfetaħ it-testment kien il-werriet, il-konvenut."*

*15. Kif osservat l-ewwel Qorti, il-konvenut mhux kredibbli meta jgħid li nduna li ommu kienet għamlet testment meta sab il-kont tan-Nutar. Huwa verament assurd da parti tal-konvenut li jippretendi li din il-Qorti*

> *sejra temmen li "kumbinazzjoni" proprju l-istess żmien li sar jaf li ħutu fetħu proċeduri biex ommhom tiġi interdetta (għal liema interdizzjoni huwa oppona bil-qawwa kollha), ommu talbet nutar, u bintu ħaditulha, u li hu lanqas biss kellu idea li kien qed isir it-testment!*
>
> *16. Finalment, b'riferenza għad-DVD fejn tidher qiegħda titkellem Antonia Camilleri, apparti l-fatt li dakinhar (23.01.2013) kienet diġà interdetta, kif osservat l-ewwel Qorti, jinstema' diskors suġġestiv tal-konvenut u ta' martu (fejn kienu qed isaħħnuha kontra uliedha l-oħra) u għalhekk din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tagħti piż lid-diskors ta' Antonia Camilleri. Jekk xejn dan id-DVD huwa evidenza ta' kemm il-konvenut u martu ma kinux joqogħdu lura milli jxewxu u jimlew lil Antonia Camilleri kontra uliedha l-oħra, fatt li kompli jsaħħaħ il-konklużjoni tal-ewwel Qorti (u ta' din il-Qorti) li Antonia Camilleri kienet imġiegħla mill-konvenut biex tagħmel it-testment inkwistjoni.*
>
> *17. Din il-Qorti, fid-dawl tas-suespost, hija moralment konvinta li meta Antonia Camilleri għamlet it-testment tat-22 ta' Ġunju 2011 kienet imġiegħla sabiex tagħmlu mill-konvenut".*

*Jirriżulta għalhekk bħala findings of fact li jagħmlu stat ta' fatt mhux iktar disputabbli bejn il-partijiet li:*

*- Antonia Camilleri kienet persuna vulnerabbli ħafna jekk mhux ukoll inkapaċi li tiddisponi minn ħwejjiġha ċertament meta ġiet interdetta u bi probabbiltà kbira qabel ukoll.*

*- Il-vulnerabbiltà tagħha kemm mentali kif ukoll fiżika kienet waħda gravi tant li damet għal kwart ta' seklu qabel mietet rikoverata f'dar tal-anzjani.*

*- Kemm l-atturi kif ukoll il-konvenut kienu jimpikaw biex jinfluwenzaw lil ommhom tagħmel atti u dikjarazzjonijiet bil-miktub daqqa favur l-atturi u daqqa favur il-konvenut waħda twaqqa' lil ta' qabilha.*

*- Xahrejn wara l-kuntratt ta' donazzjoni mertu ta' din il-kawża, il-konvenut ġiegħel lil ommu tagħmel testment sigriet li permezz tiegħu istitwietu uniku werriet universali u ma ħalliet xejn lil ħutu.*

*Jirriżulta mill-provi akkwiżiti li Antonia Camilleri kienet faċilment suġġetta għal pressjoni u abbuż minn terzi, kif iċ-ċertifikat mill-psikjatra mqabbad mill-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja. Tassew li dan iċ-ċertifikat ġie rilaxxjat ftit xhur wara li sar il-kuntratt tad-donazzjoni, imma l-probabbiltà kbira hi, tenut kont taċ-ċirkostanzi li jirriżultaw mill-atti, li hekk ukoll kien l-istat tagħha fiż-żmien tad-donazzjoni. Partikolarment, huwa ta' tħassib kif qabel il-kuntratt il-psikjatra mqabbad mill-atturi kien jiddikjara li Antonia Camilleri ma kinitx mentalment kapaċi u psikjatra mqabbad minn Joseph Camilleri jgħid bil-kontra. Kapaċi jew le, ċertament li kienet fi stat dgħajjef immens.*

*Tassew li, kif ukoll qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża 658/14, il-fatt li Antonia Camilleri kienet vulnerabbli ma jfissirx li b'daqshekk meta*

*għamlet it-testment saret pressjoni indebita fuqha. Dan jgħodd ukoll għall-każ preżenti, ċjoè l-okkażjoni meta saret id-donazzjoni. B'danakollu, bħal każ tat-testment, hemm għadd ta' indizji, uħud komuni, oħrajn jixxiebhu li jippuntaw b'mod univoku għall-intromissjoni tal-konvenuti fuq ir-rieda ta' Antonia Camilleri li ssarraf f'vizzju tal-kunsens tagħha permezz tal-vjolenza u jew qerq. Il-kunsens jitqies meħud bil-vjolenza meta din tkun tali li taħkem fuq persuna raġonevoli u ġġiegħla tibża' li tkun f'periklu ta' ħsara kbira (Art. 978(1) Kodiċi Ċivili). F'dawn il-każijiet, għandhom jitqiesu l-età, is-sess, u l-kundizzjoni tal-persuna (Art. 978(2) ibid.). "Per ritenere viziato il consenso da violenza morale, occorre che si sia promosso ciò che assolutamente non si voleva, solo cedendo alle impressioni del grave male minacciato" u "il male miniacciato deve essere notevole, cioè tale da essere grave lesione dell'integrità fisica o quella morale"[5]. "La minaccia può anché essere indiretta, non esplicita, non specificamente determinata"[6]. Jekk teżistix din il-vjolenza hija indaġni li hija mħollija interament fil-prudenza tal-ġudikant[7]. F'dan il-każ partikolari, m'hemmx dubbju li Antonia Camilleri kienet mhux biss avvanzata fl-età imma wkoll magħtuba għall-aħħar, dipendenti fuq l-attenzjoni ta' wliedha, inkluż il-konvenut, u li kellha fakultajiet konjittvi u voluttivi ferm dgħajfa u għalhekk kienet faċilment impressjonabbli; u li l-konvenuti approfittaw ruħhom mill-qagħda tagħha biex iġiegħluha tagħti lill-konvenuta dak li ma riditx tassew tagħtiha.*

*Jirriżulta li l-kuntratt tad-donazzjoni sar madwar xahrejn qabel it-testment sigriet. Bħat-testment sigriet, ġie ppubblikat min-Nutar (Marco Farrugia) li ma kienx in-Nutar li tradizzjonalment dejjem inqdiet bih il-familja Camilleri. Sar fid-dar tal-konvenuti wara li l-atturi ħarġuha appostat mid-dar tal-anzjani fejn kienet residenti. In-Nutar ma ġiex infurmat li ġimgħa qabel, waqt laqgħa mal-konvenut, l-aħwa l-oħrajn kienu stqarru li kienu bdew proċeduri ta' interdizzjoni. Lin-Nutar Mario Farrugia ċempillu raġel. Sar 13-il jum wara li fis-6 ta' April 2011 ħut il-konvenut infurmawh li kien fetħu proċedura ta' interdizzjoni; u wara li ftit jiem wara – fil-15 ta' April 2011, il-konvenut kiseb ċertifikat ta' psikjatra. Ir-rikors għall-interdizzjoni kien sar fid-19 ta' Ottubru 2010 – 6 xhur qabel – iżda minkejja diversi attentati, kemm fuq il-post tax-xogħol kif ukoll id-dar, l-atturi qatt ma rnexxielhom jinnotifikaw lill-konvenut. Tabilħaqq, il-konvenut huwa an artful dodger fejn jidħlu n-notifiki. Ma ċaħadx dak allegat minn waħda mill-atturi li għandu l-kameras mal-bieb tad-dar u għalhekk meta jmur uffiċjal tal-Qorti ma jiftaħlux.*

*Dawn kollha huma indizji li l-konvenut għamel attentat biex jaħtaf kemm jiflaħ qabel ma toħroġ l-interdizzjoni billi l-ewwel ġiegħel lil ommu*

---

[5] **Fadda, Commentario**, Art. 1112, para 30 u para 17; ***Kollez. XXIX.ii.749; XXXIII.ii.431***; ***Joseph Camilleri v. Albert Agius Ferrante*** 09.01.1968 ikkonfermata fl-appell fil-21.06.1968 iċċitata fl-Alfabett tal-Kodiċi Ċivili, Volum K, tal-**Imħ. Emeritus Philip Sciberras,** voce "Kunsens" paġna 583.

[6] **Trib. Roma 01.02.2013** ined. Irrappurtata fil-Commentario Breve al Codice Civile ta' **G. Gian u A. Trabucchi** (13-il edizz, 2018) paġna 1561.

[7] **Kollez. XXIX.ii.749**.

> *tagħmel id-donazzjoni imbagħad it-testment sigriet. Il-konvenut xehed li ma kienx jaf bil-proċedura tal-interdizzjoni; għaliex mingħalih li ħutu kienu irtirawha. Il-konvenut iżda għandu problema kbira ta' kredibbiltà. La l-Qorti (diversament ippreseduta) u lanqas l-Onorabbli Qorti tal-Appell m'emmnuh meta fil-kawża 658/14 qal li ma ndaħal xejn fit-testment t'ommu: falsus in unus, falsus in omnibus. Għandu storja ta' ndħil fuq dikjarazzjonijiet u atti li għamlet ommu kemm qabel il-kuntratt tad-donazzjoni kif ukoll wara – appuntu meta ġegħlha tagħmel it-testment. Id-donazzjoni favur martu mhix l-ewwel u lanqas l-aħħar darba li akkwista xi parti mill-patrimonju tal-ġenituri tiegħu b'detriment ta' ħutu, bħal meta żamm għalih innifsu l-kumpens inġenti ta' art li kienet ġiet esproprijata mill-podestà tal-ġenituri, u meta ġiegħel lil ommu tagħmel it-testment sigriet.*
>
> *Għalhekk il-Qorti hija konvinta li kien jaf bil-proċedura tal-interdizzjoni qabel ma sar il-kuntratt tad-donazzjoni. Il-fatt li ommu għamlitu f'din iċ-ċirkostanza hija indizju qawwi ieħor ta' mala fede tal-konvenut u tal-manipulazzjoni eżerċitata fuq ommu".*

10. Il-konvenuti miżżewġin Camilleri appellaw minn din is-sentenza finali b'rikors imressaq fit-12 ta' Awwissu, 2022 b'erba' aggravji jkunu: (i) li l-Ewwel Qorti straħet biss fuq is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Josephine Camilleri et v. Joseph Camilleri*** (Ċit. Nru: 658/14MCH) deċiża nhar id-29 ta' Novembru, 2019; (ii) li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawża 658/14 inkwantu bbażata fuq jekk il-konvenut kienx denju li jiret jew le hija irrilevanti għall-kwistjoni tal-lum u b'hekk jiġi li r-rekwiżiti meħtieġa sabiex azzjoni għal rexxissjoni tirnexxi ma ġewx sodisfatti; (iii) li l-Ewwel Qorti naqset li tikkunsidra l-fatt li l-appellanta Yvonne Camilleri laqgħet id-donazzjoni mingħand Antonia Camilleri bħala kumpens għas-serviġi li wettqet fil-konfront tad-donatriċi; u (iv) li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni abbażi tal-**Artikolu 1222(1) tal-Kodiċi Ċivili**.

11. Illi l-appellati wieġbu permezz tar-risposta tagħhom imressqa fit-2 ta' Novembru, 2022 u fiha taw ir-raġunijiet għala l-appell għandu jiġi miċħud.

12. Il-Qorti, wara li rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għad-deċiżjoni tagħha b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

13. Din hija azzjoni dwar kuntratt ta' donazzjoni ppubblikat fid-19 ta' April, 2011, li permezz tiegħu Antonia Camilleri (anzjana ta' 82 sena) ittrasferiet favur il-konvenuta Yvonne Camilleri (mart binha) 11/24 sehem indiviż minn garaxx minħabba serviġi mogħtija minnha. L-atturi jallegaw li l-kunsens ta' Antonia Camilleri kien riżultat ta' għemil doluż, vjolenza u theddid min-naħa tal-konvenuti u li l-kunsens tagħha ngħata bi żball, u allegaw li l-kuntratt kien simulat. B'hekk l-atturi talbu li l-kuntratt jiġi annullat, rexxiss u mħassar.

14. L-Ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u laqgħet f'parti mit-talbiet attriċi, fis-sens li sabet li l-kunsens ta' Antonia Camilleri ttieħed bi vjolenza u b'qerq min-naħa tal-konvenuti billi l-istess Antonia Camilleri

kienet ta' volontà tant baxxa u dgħajfa li kienet strument f'idejn il-konvenuti, u b'hekk ġiet abbużata minnhom.

15. Dan ifisser li inkwantu l-azzjoni attriċi ġiet ibbażata fuq il-kawżali li l-kunsens ta' Antonia Camilleri kien mogħti bi żball ta' fatt u li l-kuntratt kien simulat, ma nstabux li kienu siewja. Billi ma sarx appell inċidentali min-naħa tal-atturi fuq dawn iż-żewġ kawżali, dan ifisser li dawn huma llum kwistjonijiet magħluqa u din il-Qorti hija prekluża milli tistħarriġhom.

16. Illi kif diġà ngħad, il-konvenuti appellanti sejsu l-appell tagħhom fuq erba' aggravji. L-ewwel tliet aggravji huma marbutin ma' xulxin u aktar minn xejn jissejsu fuq għarbiel ħażin tal-provi mill-Ewwel Qorti. L-aħħar aggravju huwa dwar iċ-ċaħda tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u huwa f'waqtu li din il-Qorti tibda billi tisħarreġ qabelxejn dan l-aħħar aggravju.

17. Illi fir-**<u>raba' aggravju</u>** tagħhom, il-konvenuti jgħidu li l-Ewwel Qorti m'għamlitx sew li ċaħdet l-eċċezzjoni tagħhom tal-preskrizzjoni. Jgħidu li ladarba l-eċċezzjonijiet tagħhom kienu jikkonsistu f'ċaħda li huma pperpetraw vjolenza, u ladarba fil-fehma tagħhom m'hemmx prova li kien hemm xi forma ta' vjolenza, huma ma jistgħux jifhmu kif l-Ewwel Qorti xeħtet fuqhom l-oneru li jippruvaw id-*dies scientiae*. Jissoktaw jgħidu li ladarba l-att ta' donazzjoni ġie ppubblikat fid-19 ta' April, 2011, filwaqt li Josephine Camilleri bħala kuratriċi ppreżentat ir-rikors maħluf fis-6 ta'

Diċembru, 2013, allura l-azzjoni attriċi hija preskritta bil-mogħdija ta' sentejn.

18. Illi l-appellati laqgħu għal dan l-aggravju billi jgħidu li l-appellanti m'għandhomx raġun għaliex it-terminu preskrittiv irid jitqies minn meta min ikollu dritt ta' azzjoni jsir jaf bl-att li huwa jrid jimpunja. Jgħidu li huma fetħu l-kawża fit-terminu, hekk kif wara l-ftuħ tat-testment sigriet, huma saru jafu b'dak li kien seħħ.

19. Illi l-**Artikolu 1222 tal-Kodiċi Ċivili** jgħodd għall-każijiet fejn ir-rexxissjoni ta' obbligazzjoni tintalab minħabba vjolenza, żball, għemil doluż, stat ta' interdizzjoni jew nuqqas ta' età tal-parti kontraenti, u kif ukoll fil-każijiet ta' obbligazzjoni bla kawża jew imsejsa fuq kawża falza. Iż-żmien preskrittiv f'dan l-artikolu huwa ta' sentejn, li, fil-każ biss ta' vjolenza, jibda għaddej minn dakinhar li l-vjolenza fuq il-parti li titlob ir-rexxissjoni tieqaf; imma fil-każijiet l-oħrajn ta' żball, għemil doluż jew kawża falza, minn dakinhar li jinkixef id-difett (**Artikolu 1223(1) tal-Kodiċi Ċivili**); filwaqt li fejn l-obbligazzjoni hija mingħajr kawża, iż-żmien ta' sentejn jibda minn dakinhar tal-kuntratt (ara **Artikolu 1223(2) tal-Kodiċi Ċivili** u s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-15 ta' Novembru 2017 fil-kawża fl-ismijiet ***Pierre Falzon et v. Anthony Borg***).

20. Illi minkejja li xi kittieba jqisu li ż-żminijiet li fihom imissha tinbeda

azzjoni ta' rexxissjoni huma żminijiet ta' dekadenza, jidher li t-tifsira li ngħatat għaż-żmien imsemmi fl-**Artikolu 1222 tal-Kodiċi Ċivili** hija li dak huwa żmien ta' preskrizzjoni (ara s-sentenza tal-Appell Kummerċjali deċiża fis-6 ta' Diċembru,1935 fil-kawża fl-ismijiet ***Aquilina v. Gasan et***). Għalhekk, bħal f'kull każ ta' żmien preskrittiv, dak iż-żmien jista' jkun sospiż (ara **Artikoli 2123** sa **2125 tal-Kodiċi Ċivili**) jew jista' jiġi miksur (ara **Artikoli 2127 *et sequitur***, b'mod partikolari l-**Artikoli 2128** u **2129 tal-Kodiċi Ċivili**) fiċ-ċirkostanzi msemmija mil-liġi u bil-modi hemm maħsuba (ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Novembru, 1957 fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Tabone v. Michele Tabone et***). Madankollu, il-preskrizzjoni maħsuba fl-**Artikolu 1222** hija waħda estintiva, fis-sens li twassal għall-ħelsien tal-imħarrek jekk din ma tiġix eżerċitata mill-attur fiż-żmien li tgħid il-liġi (ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-24 ta' Frar, 2022 fil-kawża fl-ismijiet ***Eden Leisure Group Limited v. Edmund R.C. Grech***).

21. Illi għal dik li hija l-kwistjoni dwar fuq min jaqa' l-oneru tal-prova sabiex eċċezzjoni taħt dan l-artikolu tirnexxi, kif qalet tajjeb l-Ewwel Qorti, kien jaqa' fuq il-konvenuti appellanti li juru li ż-żmien invokat minnhom fl-imsemmija eċċezzjoni kien tassew għadda u tal-anqas, minn meta jmissu beda għaddej (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Jannar, 2016 fil-kawża fl-ismijiet ***Norbert McKeon et v. Emanuele Azzopardi et*** kif ukoll, is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-15 ta' Novembru, 2017

fil-kawża fl-ismijiet ***Pierre Falzon et v. Anthony Borg***).

22. Meqjus dan kollu jiġi nnutat li għalkemm l-appellanti fir-rikors tal-appell tagħhom jisħqu li l-azzjoni hija preskritta, huma jsemmu biss il-kawżali tal-vjolenza mingħajr ebda referenza għall-kawżali li l-Qorti sabet ukoll li l-kunsens ta' Antonia Camilleri kien meħud b'qerq ukoll.

23. Inkwantu għall-aggravju fih innifsu, il-konvenuti appellanti jillimitaw ruħhom billi jgħidu, li ġaladarba huma ċaħdu li eżerċitaw xi tip ta' vjolenza ma kienx jaqa' fuqhom li jressqu prova meta din ġiet fi tmiemha. Jissoktaw jgħidu li l-kuntratt sar fid-19 ta' April, 2011 u l-kawża tal-lum infetħet fis-6 ta' Diċembru, 2013.

24. Bit-tħaddim tal-ġurisprudenza fuq imsemmija, il-konvenuti m'għandhomx raġun kemm meta jgħidu li l-oneru tal-prova sabiex tirnexxi din l-eċċezzjoni ma kienx fuqhom, kif ukoll li l-azzjoni fiha nnifisha ma tistax tirnexxi.

25. Mill-provi mressqa mill-atturi jirriżulta li Antonia Camilleri ma qalitx lil uliedha l-oħra li kien sar dan il-kuntratt ta' donazzjoni (ara x-xhieda ta' Maria Mifsud mogħtija fil-15 ta' Ġunju, 2021; u dik ta' Emanuel Camilleri fl-istess ġurnata). Huma ma ġewx mistoqsija meta saru jafu bil-kuntratt inkwistjoni. Min-naħa tagħha, il-konvenuta Yvonne Camilleri xehdet li

żewġha u hija ma qalux lill-atturi b'dan il-kuntratt. Mill-provi lanqas jirriżultaw id-dettalji ta' kif l-atturi saru jafu bil-kuntratt u meta. Għalhekk kif qalet sewwa l-Ewwel Qorti d-data tad-*dies scientiae* (i.e. il-jum tal-għarfien) ma ġietx stabbilita mill-provi mressqa. Dan jgħodd għall-kawżali li l-kunsens ta' Antonia Camilleri ttieħed b'qerq. Għal dik li hija l-kawżali ta' vjolenza, huwa minnu li l-konvenuti ċaħdu li wettqu xi tip ta' vjolenza. Mingħajr f'dan l-istadju ma tqis il-mertu tal-appell, madankollu hekk kif qalet il-Qorti tal-Appell fl-atti tar-rikors numru 658/14 jirriżulta minn DVD li ppreżentaw il-konvenuti stess konversazzjoni fit-23 ta' Jannar, 2013 li fi kliem l-istess Qorti tal-Appell: *«jinstema' diskors suġġestiv tal-konvenut u ta' martu (fejn kienu qed isaħħnuha kontra uliedha l-oħra).....Jekk xejn dan id-DVD*[8] *huwa evidenza ta' kemm il-konvenut u martu ma kinux joqogħdu lura milli jxewxu u jimlew lil Antonia Camilleri kontra uliedha l-oħra,....»* Jekk inqisu din iċ-ċirkostanza biss, ifisser li anke wara li ġiet interdetta kienet qiegħda ssir pressjoni fuq Antonia Camilleri b'mod jew ieħor. Ladarba l-kawża tal-lum ġiet ippreżentata fis-6 ta' Diċembru, 2013 żgur ma jistax jingħad li l-kawża ma saritx fit-terminu.

26. Għalhekk dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud għaliex mhux siewi.

27. Ngħaddu issa għall-**<u>aggravji l-oħra</u>** mressqa mill-konvenuti appellanti.

[8] Li jinsab f'involkru tal-plastik wara paġna 171 fl-atti tal-Appell Ċivili Numru 658/14.

28. Permezz tal-**<u>ewwel aggravju</u>** tagħhom, il-konvenuti appellanti jgħidu li l-Ewwel Qorti straħet biss fuq is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Josephine Camilleri et v. Joseph Camilleri*** (Rikors Numru 658/2014MCH) deċiża nhar id-29 ta' Novembru, 2019. Tant huwa hekk li l-Ewwel Qorti elenkat il-fatti u l-konsiderazzjonijiet li għamlet il-Qorti tal-Appell fil-kawża msemmija. Jissoktaw jgħidu li filwaqt li s-sentenza appellata hija azzjoni ta' rexxisjoni tal-kuntratt ta' donazzjoni tad-19 ta' April, 2011; fil-proċeduri l-oħra (Rikors Numru 658/2014) ġie deċiż li l-appellant Joseph Camilleri mhux denju u kapaċi li jirċievi b'testment il-wirt tal-mejta Antonia Camilleri skont l-**Artikolu 605 tal-Kodiċi Ċivili**.

29. L-appellanti jsostnu li l-uniku ħaġa li għamlet l-Ewwel Qorti kienet li qieset is-sentenza deċiża mill-Qorti tal-Appell u għamlet tagħha dawk il-konsiderazzjonijiet testwalment għall-każ tal-lum. Jissoktaw jgħidu li l-Ewwel Qorti għamlet ħażin għaliex hija kellha tifli l-provi b'mod differenti minn dak li sar fil-kawża l-oħra billi l-kawżali fiż-żewġ kawżi huma differenti.

30. L-appellant Joseph Camilleri jilmenta li l-Ewwel Qorti rreferiet għalih bħala li huwa *«an artful dodger»* u jiċħad li huwa għamel minn kollox biex jaħrab in-notifika tal-atti tar-rikors, li permezz tiegħu kienet qiegħda tiġi mistħarrġa t-talba minn ħutu sabiex il-ġenituri tiegħu jkunu

interdetti. Ikompli wkoll li l-Ewwel Qorti ma messhiex ikkunsidrat ix-xhieda kollha tiegħu bħala falza fuq il-premessa li *falsus in uno, falsus in omnibus,* maqlub għall-Malti tfisser li falz f'xi ħaġa, falz f'kollox. Dan ma jinsabx imħaddem fil-ġurisprudenza tagħna u wisq anqas ma tinsab magħrufa bħala prinċipju fis-saltna tad-dritt. B'hekk jiġi li l-Ewwel Qorti warrbet ix-xhieda tiegħu mingħajr ebda raġuni valida. Għaldaqstant l-appellanti jgħidu li dan jikser id-drittijiet tagħhom ta' smigħ xieraq billi jirriżulta b'mod ċar li l-provi li ressqu twarrbu minħabba nuqqas ta' kredibbiltà f'ġudizzju għalkollox separat. Din ma tistax tkun prova ta' vjolenza jew għemil doluż għar-rexxissjoni tal-kuntratt ta' donazzjoni.

31. L-appellati jilqgħu għal dan l-aggravju billi jgħidu li l-Ewwel Qorti semgħet hija stess provi *viva voce* u li filwaqt li huwa minnu li l-Qorti rreferiet għall-provi miġbura f'kawża oħra bejn il-partijiet (anke għaliex il-partijiet qablu li kellu jsir hekk), iżda f'kawżi bħal dawn fejn ikun qiegħed jiġi attakkat il-kunsens ta' xi parti fuq att pubbliku huwa meqjus li huwa importanti li min ikun qiegħed jiġġudika jkun jista' jikkalibra dak li jgħidu x-xhieda sabiex jara min għandu jitwemmen. Mhux minnu li l-Ewwel Qorti kienet kundizzjonata mill-proċedura l-oħra. Il-kawża l-oħra turi *pattern* ta' kif l-appellanti għamlu ħilithom biex lil ommhom iġibuha tiddeċiedi dak li jridu huma bi skop ta' gwadann mill-assi ereditarji.

32. Din il-Qorti tqis li dan l-aggravju huwa bla bażi. Ibda biex, tfakkar

lill-appellanti, li l-avukat Edward Gatt għall-atturi fis-seduta tal-10 ta' Mejju, 2021 quddiem l-Ewwel Qorti kien talab li jiġu mehmuża l-proċessi tal-kawża fl-ismijiet ***Josephine Camilleri et v. Joseph Camilleri*** (Rikors Numru 658/2014MCH) deċiża nhar is-26 ta' Marzu, 2021. Dakinhar l-avukat Buttigieg għall-konvenuti rrimetta ruħu għad-deċiżjoni tal-Qorti. Il-Qorti laqgħet it-talba. Fis-seduta tal-15 ta' Ġunju, 2021 ġie vverbalizzat li l-partijiet qablu li l-kawżi li l-proċess tagħhom ġie allegat jikkostitwixxu prova għall-fini tal-kawża tal-lum, salv id-dritt għall-kontroeżami.

33. Jiġi b'hekk, li l-Ewwel Qorti kellha bilfors tħares lejn dawk il-provi għaliex huma provi wkoll fil-kawża tal-lum. Huwa minnu li l-Ewwel Qorti rreferiet għal xi siltiet mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Rik Nru: 658/2014), iżda mhux minnu li għamlet tagħha l-konsiderazzjonijiet ta' dik il-Qorti mingħajr ma għarblet il-provi li kellha quddiemha u qisithom fid-dawl tal-kawżali li kellha tiddeċiedi dwarhom. Tant huwa hekk li anke għal dak li huma fatti, l-Ewwel Qorti żiedet fatti oħra li kienu jirriżultaw mill-provi li hija semgħet. Mhux hekk biss. L-istess qorti qalet ċar u tond li mbilli l-partijiet qablu li l-provi fil-kawża 658/14 għandhom jgħoddu għal din il-kawża, b'danakollu dawn dejjem huma soġġetti għall-evalwazzjoni ħielsa mill-Qorti fit-tieni kawża, sakemm ix-xhieda ma tkunx ġiet inkorporata bħala *findings of fact*, f'liema każ il-partijiet ikunu marbutin biha fit-tieni kawża.

34. Fuq kollox, kien importanti li l-Ewwel Qorti tirreferi għar-retroxena kollu li rriżultat maż-żmien għaliex din turi l-imġiba tal-partijiet fil-kawża fil-konfront tal-ġenituri tagħhom, l-aktar fil-konfront ta' ommhom. F'każijiet bħal dawn li qegħdin nistħarrġu llum, il-Qorti għandha kompitu xejn faċli u jkun ta' siwi li sabiex tasal għall-konklużjoni tagħha ma tiqafx biss fuq il-mument li ġie ffirmat il-kuntratt, iżda għandha tgħarbel ukoll dak li ġara qabel u anke dak li jiġri wara, li jista' jitfa' dawl fuq dak li kien qiegħed jiġri waqt il-pubblikazzjoni tal-kuntratt.

35. Dwar il-kumment tal-Ewwel Qorti li l-konvenut appellant għamel minn kollox biex jaħrab in-notifika tar-rikors, li permezz tiegħu kienet qiegħda tintalab l-interdizzjoni tal-ġenituri tiegħu, fl-ewwel lok, dan isaħħaħ il-fatt li l-Ewwel Qorti wettqet il-kostatazzjonijiet tagħha tal-provi. Fit-tieni lok, din il-Qorti ma tlumx lill-Ewwel Qorti għaliex mill-atti ma jistax ħlief li jqum id-dubju li l-appellant kien qiegħed jipprova jevita li jkun notifikat biex idewwem il-proċess.

36. Dwar l-ilment li l-Ewwel Qorti warrbet ix-xhieda tal-appellant għaliex ma qisitux kredibbli, din il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti għexet il-proċess u semgħet bosta xhieda *viva voce.* Għalhekk hija setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha dwar il-kredibbiltà tal-konvenut. B'żieda ma' dan hija tat ir-raġunijiet tagħha b'referenza għall-kawża li kellha quddiemha u mhux sempliċement għaliex il-Qorti tal-

Appell iddeċidiet kontrih.

37. Għaldaqstant l-ewwel aggravju qiegħed jiġi miċħud billi mhux siewi.

38. Imiss issa t-**<u>tieni aggravju</u>** tal-konvenuti appellanti li permezz tiegħu jgħidu li inkwantu s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawża 658/14 hija bbażata fuq jekk il-konvenut kienx denju li jiret jew le hija irrilevanti għall-kwistjoni tal-lum, ċjoè jekk ġietx imposta vjolenza jew kienx hemm għemil doluż li wassal għal donazzjoni favur Yvonne Camilleri. Huma jisħqu li r-rekwiżiti meħtieġa sabiex tirnexxi azzjoni ta' rexxisjoni ma ntlaħqux u li l-Ewwel Qorti lanqas qieset dawn l-elementi fil-konsiderazzjonijiet tagħha.

39. Il-konvenuti appellanti jgħidu li wara li jitqies l-**Artikolu 978 tal-Kodiċi Ċivili** u l-ġurisprudenza u l-awturi, il-fatt li Antonia Camilleri kienet anzjana ma jfissirx awtomatikament li l-kunsens tagħha kien meħud bi vjolenza. Jirreferu għax-xhieda tan-Nutar Marco Farrugia minn fejn jirriżulta li huwa uża d-diliġenza meħtieġa sabiex jikkonferma li Antonia Camilleri kienet taf x'inhi tagħmel u huwa stess iddikjara li ma kinitx tidher li kellha xi pressjoni indebita fuqha.

40. Jissoktaw jgħidu li huma qatt ma kienu vjolenti fil-konfront tal-omm u m'hemm l-ebda prova li turi li l-imġiba tagħhom ħolqot piż fuq Antonia

Camilleri biex tagħti proprjetà tagħha b'donazzjoni mingħajr il-kunsens tagħha. Pjuttost l-imġiba tagħhom kienet il-kuntrarju billi huma dejjem ħadu ħsieb lil Antonia Camilleri u kienu jmorru jarawha fid-djar tax-xjuħ.

41. L-appellanti jgħidu wkoll li minn qari tal-fatti kif imsemmija mill-Ewwel Qorti u minn dak li rriżulta fil-proċess ma kien hemm ebda ħjiel ta' għemil doluż min-naħa tagħhom u ma tressqet ebda prova f'dan is-sens. Jgħidu li dikjarazzjoni mill-Qorti tal-Appell fil-kawża 658/14 dwar il-fatt li l-appellant indaħal fit-testment ma jfissirx awtomatikament li l-kunsens ta' Antonia Camilleri kien meħud bi vjolenza jew *dolo* meta tat sehem tal-garaxx b'titlu ta' donazzjoni lil Yvonne Camilleri. Iżidu li l-Ewwel Qorti żbaljat meta kkonkludiet li dik is-sentenza hija indizju ta' vjolenza u qerq fuq omm l-appellant, billi l-vjolenza u l-qerq għandhom jiġu kkorroborati bi provi univoċi, konklussivi, kredibbli u attendibbli. Jgħidu li mingħajr ħsara għal dak li qalu qabel, il-konsiderazzjonijiet li wettqet l-Ewwel Qorti huma dwar materja ta' kapaċità kuntrattwali u mhux dwar il-kunsens ta' Antonia Camilleri.

42. L-appellati jwieġbu li huwa importanti li ssir referenza għar-retroxena ta' x'ġara u x'jirriżulta mill-atti. Ifakkru li Antonia Camilleri kienet persuna marida serjament bi problemi mediċi serji ħafna. Magħdud ma' dan hija kellha wkoll diffikultajiet ta' natura mentali kif xehdu diversi psikjatri. Dawn il-kundizzjonijiet mediċi wasslu biex l-omm tkun interdetta

fil-perjodu li sar il-kuntratt inkwistjoni. Dan kollu juri l-fraġilità u l-predispożizzjoni qawwija li l-omm ikollha l-kunsens tagħha meħud bi vjolenza u b'qerq biex b'hekk tkun abbużata. Iżidu li anke s-sempliċi fatt li l-att ta' donazzjoni sar fuq il-konvenuta (li mhix bintha) li hi mart iben Antonia Camilleri turi n-nisġa qarrieqa tal-appellanti sabiex jiksbu dak li l-omm riedet li jinqasam bejn l-aħwa kollha. Jissoktaw jgħidu li ħarsa lejn l-atti tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Volontarja) turi ċar li fiż-żmien li sar dan il-kuntratt, l-appellant kien qiegħed jaħrab in-notifika tal-Marixxalli sabiex titwaqqaf il-proċedura tal-interdizzjoni biex ikomplu jiksbu u jieħdu dak li ma ħaqqhomx. Irriżulta wkoll li n-Nutar Marco Farrugia ma kienx jaf li kien hemm il-proċeduri għall-interdizzjoni ta' Antonia Camilleri għaliex kif wieġeb huwa stess ma kienx ippubblika l-kuntratt ta' donazzjoni.

43. Din il-Qorti diġà ċaħdet l-ewwel aggravju billi qieset li l-Ewwel Qorti ma straħitx biss fuq id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell 658/14. Dan l-aggravju huwa marbut ma' ta' qablu u bħal ta' qablu mhux aggravju siewi. L-Ewwel Qorti rreferiet għall-artikoli tal-liġi dwar kunsens meħud bil-vjolenza u saħansitra rreferiet għal awturi dwar is-suġġett, u mbilli ma semmietx ġurisprudenza u ma qagħditx tirreferi għall-elementi meħtieġa sabiex tirnexxi azzjoni bħal dik tal-lum, għal dak li huwa kunsens meħud b'qerq ma jfissirx li ma tkunx qieset l-istess elementi. Minn qari tas-sentenza jidher proprju l-kuntrarju, ċjoè li l-Ewwel Qorti kellha quddiemha dawk l-elementi u ħadmet l-istess għall-provi li kellha quddiemha.

44. L-appellanti b'dan l-aggravju qegħdin, fi ftit kliem, jgħidu li l-għarbiel li wettqet l-Ewwel Qorti ma kienx tajjeb.

45. Jeħtieq għalhekk li din il-Qorti wkoll tirreferi għall-fatti li wasslu għall-proċeduri tal-lum li se jixħtu dawl fuq l-isfond ta' dak li seħħ:

- Antonia Camilleri kienet miżżewġa lil John Camilleri u kellhom sitt ulied.

- Fis-**16 ta' Settembru, 1975,** John Camilleri għamel testment fl-atti tan-Nutar Dr Tonio Spiteri u nnomina lis-sitt uliedu bħala l-eredi universali tiegħu (ara Dok EM1 f'paġna 32 tal-atti tal-kawża numru 658/14).

- Fl-**1 ta' Settembru, 1989**, Antonia Camilleri ddaħħlet fid-dar tal-anzjani.

- Fl-**24 ta' Awwissu, 2007**, John Camilleri ddaħħal ġewwa l-istess dar tal-anzjani fejn kienet martu.

- Fit-**13 ta' Novembru, 2009**, John u Antonia Camilleri jagħmlu dikjarazzjoni li l-ġid tagħhom riduh: *«jinqasam ugwalment bejn is-sitt*

*(6) aħwa mingħajr ebda preferenza.»* Dan id-dokument ġie ffirmat mid-dikjaranti u minn ħames uliedhom l-atturi (ara Dok EMM5 f'paġna 38 tal-atti tal-kawża numru 658/14).

- Fil-**11 ta' Diċembru, 2009**, ħareġ ċertifikat mingħand il-Psikjatra Dr George Debono fejn jintqal li Antonia Camilleri għandha *«contractual ability».* (ara Dok DG2 f'paġna 130 tal-atti tal-kawża numru 658/14).

- Fit-**23 ta' Diċembru, 2009**, sar l-affidavit tal-miżżewġin John u Antonia Camilleri quddiem in-Nutar Dottor Charmaine Sant fejn iddikjaraw li kellhom fiduċja fl-operat ta' binhom Joseph Camilleri bħala mandatarju tagħhom u xtaquh ikompli f'dan il-mandat, u li approvaw dak kollu li wettaq għan-nom tagħhom. Qalu wkoll li dak kollu li ngħata lilu mingħandhom kien maħfur u dak li jibqa' mill-pensjoni wara li jitħallsu l-ispejjeż tad-dar tal-anzjani jiġi wżat minnu għall-bżonnijiet tagħhom (ara Dok JC4 f'paġna 174 tal-atti tal-kawża numru 658/14).

- Fl-**1 ta' Frar, 2010**, John u Antonia Camilleri jagħmlu dikjarazzjoni oħra li fiha esprimew fiduċja fix-xogħol ta' binhom il-konvenut Joseph Camilleri bħala mandatarju tagħhom u ddikjaraw li xtaqu li huwa jkompli bħala l-uniku mandatarju tagħhom. Dan id-dokument ġie ffirmat mill-ġenituri u mis-sitt ulied (ara Dok EMM2

f'paġna 33 tal-atti tal-kawża numru 658/14).

- Fit-**8 ta' Lulju, 2010**, John u Antonia Camilleri għamlu dikjarazzjoni oħra fejn qalu li ma kellhomx fiduċja f'Joseph Camilleri u li d-dikjarazzjoni ta' qabel kienet saret b'rikatt. Huma ddikjaraw li: *«..m'għandniex fiduċja fl-operat tal-prokuratur li għamilna xi żmien ilu, it-tifel tagħna Joseph Camilleri...irridu li uliedna Josephine Camilleri... u Emmanuel Camilleri...ikunu l-prokuraturi ġenerali tagħha ....Irridu li l-ġid kollu tagħna preżenti u futuri....jinqasmu ugwalment bejn is-sitt aħwa, mingħajr ebda preferenzi. Joseph Camilleri m'għandu dritt għal xejn iktar minn ħutu għal doveri li jagħmel lejna għax ħutu għamlu u għandhom jagħmlu doveri lejna mingħajr ebda ħlas.....id-dikjarazzjoni li aħna u s-sitt uliedna għamilna fl-01.02.2010 saret b'rikatt mit-tifel tagħna Joseph Camilleri u għalhekk hija nulla u bla effett.»* Din id-dikjarazzjoni ġiet iffirmata mhux biss minnhom, iżda wkoll mill-ħames (5) uliedhom l-atturi odjerni u n-Nutar John Spiteri (ara Dok EMM3 f'paġna 34 tal-atti tal-kawża numru 658/14).

- Fit-**8 ta' Lulju, 2020**, it-tabib tal-familja Dr Christopher Deguara ddikjara li John u Antonia Camilleri: *«are both mentally lucid«* u *«fit to dispose of their belongings»* (ara paġna 35 tal-atti tal-kawża numru 658/14).

- Fit-**22 ta' Lulju, 2010**, John Camilleri għamel prokura favur Joseph Camilleri (ara Dok JC6 f'paġni 176 sa 178 tal-atti tal-kawża numru 658/14).

- Fis-**7 ta' Settembru, 2010** il-psikjatra Dr Anthony Dimech ħareġ ċertifikat fejn wara li eżamina lil Antonia Camilleri rrakomanda li tiġi interdetta minħabba li hi, *«..suffers from cognitive impairment, cardiac problems, insulin-dependant diabetes and has a past history of stroke (CVA) and depression....her memory was severely impaired with problems with both registration and retrieval. Her concentration was also signficantly impaired....nursing staff confirmed a chronic cognitive impairment....»* (ara Dok EMM4 f'paġni 36 u 37 tal-atti tal-kawża numru 658/14).

- Fid-**19 ta' Ottubru, 2010,** l-atturi ppreżentaw rikors għall-interdizzjoni tal-ġenituri tagħhom John u Antonia Camilleri quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) (ara Dok EMM6 f'paġna 40 tal-atti tal-kawża numru 658/14).

- Fit-**22 ta' Novembru, 2010** insibu riferta negattiva ta' Joseph Camilleri (ma fetaħ ħadd) għan-notifika tar-rikors (ara wara ta' paġna 121 tal-atti tal-kawża numru 658/14).

- Fis-**16 ta' Jannar, 2011** miet John Camilleri (ara paġna 117 tal-atti tal-kawża numru 658/14).

- Fl-**14 ta' Frar, 2011** insibu riferta negattiva ta' Joseph Camilleri (ma fetaħ ħadd) għan-notifika tar-rikors (ara wara ta' paġna 122 tal-atti tal-kawża numru 658/14).

- Fl-**24 ta' Marzu, 2011** insibu referta negattiva tar-rikors għall-interdizzjoni fuq il-post tax-xogħol (li kien 'off') (ara d-dahar ta' paġna 125 tal-atti tal-kawża numru 658/14).

- Fl-**24 ta' Marzu, 2011**, Antonia Camilleri għamlet prokura favur il-konvenut (Dok JC7 f'paġni 179 u 180 tal-atti tal-kawża numru 658/14).

- Fis-**6 ta' April, 2011** infetaħ it-testment tal-missier għand in-Nutar Spiteri. L-atturi jgħidu li nfurmaw lill-konvenut li kienu bdew proċeduri ta' interdizzjoni. L-assistent tan-Nutar qalilhom li ma jistgħux jipproċedu bid-dikjarazzjoni *causa mortis* kemm-il darba jkun hemm proċedura tal-interdizzjoni. Il-konvenut isostni li l-atturi qalu li kienu se jwaqqfu l-proċeduri.

- Fil-**15 ta' April, 2011**, il-Psikjatra Dr George Debono rrilaxxja

ċertifikat li Antonia Camilleri għandha *«contractual capacity»* (ara paġna 130 tal-atti tal-kawża numru 658/14).

- Fid-**19 ta' April, 2011**, sar il-kuntratt ta' donazzjoni minn Antonia Camilleri fl-atti tan-Nutar Marco Farrugia lil Yvonne Camilleri (mart binha l-konvenut) ta' 11/24 partijiet indiviżi minn garaxx bin-numru 12, Triq Dun Karm Xerri, in-Naxxar (valur dikjarat: €16,000). Ġie mehmuż iċ-ċertifikat mediku tal-15 ta' April, 2011. Ġie ddikjarat ukoll li d-donazzjoni saret minħabba s-serviġi li Yvonne Camilleri wettqet (ara Dok JC8 f'paġna 183 tal-proċess tal-lum).

- Fl-**4 ta' Mejju, 2011**, l-avukat Raymond Zammit bagħat ittra lill-konvenut javżah bil-proċeduri tal-interdizzjoni.

- Fl-**10 ta' Mejju, 2011** riferta negattiva oħra tar-rikors għall-interdizzjoni (ma jiflaħx) (ara d-dahar ta' paġna 126 tal-atti tal-kawża numru 658/14).

- Fit-**12 ta' Mejju, 2011** riferta negattiva oħra tar-rikors għall-interdizzjoni (ħareġ mix-xift ta' billejl) (ara d-dahar ta' paġna 126 tal-atti tal-kawża numru 658/14).

- Fis-**26 ta' Mejju, 2011** l-atturi talbu biex ir-rikors ikun notifikat bil-

proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni, liema talba ntlaqgħet fl-**14 ta' Ġunju, 2011**.

- Fl-**14 ta' Ġunju, 2011** il-konvenut wieġeb fejn qal li «riċentement» sar jaf bil-proċeduri biex ommu tiġi interdetta. Huwa sostna li mhux minnu li mhix fi stat li tieħu ħsieb ħwejjiġha u għalhekk insista li t-talba ta' ħutu (l-atturi odjerni) tiġi miċħuda. Huwa għamel riferenza għaċ-ċertifikati tal-psikjatra Dr George Debono tal-11 ta' Diċembru 2009 u tal-15 ta' April 2011 (ara paġni 128 sa 130 tal-atti tal-kawża numru 658/14).

- Fit-**22 ta' Ġunju, 2011**, Antonia Camilleri għamlet it-testment sigriet fl-atti tan-Nutar Dr Marco Burlò fejn innominat lill-konvenut bħala l-eredi universali tagħha (ara paġna 6 tal-atti tal-kawża numru 658/14).

- Fit-**12 ta' Lulju, 2011**, Antonia Camilleri għamlet dikjarazzjoni maħlufa quddiem Nutar fejn qalet: *«nhar is-17 ta' Ġunju 2007 jien u r-raġel tiegħi John Camilleri għamilna skrittura (li għalina kienet torbot daqslikieku għamilniha taħt ġurament) li permezz tagħha għaddejna d-dritt ta' kumpens li kellu jtina l-Gvern fuq art li ħadilna tal-Magħtab lit-tifel tagħna Joseph Camilleri;.... fil-fatt il-Gvern ħallasna din is-somma u aħna għaddejniha lit-tifel tagħna Joseph bħala kumpens ta' kemm dar bina u tas-serviġi li rrendilna; - bħala kumpens ta' kemm dar bina*

*u tas-serviġi li għamel magħna u li għadu jagħmel miegħi għaddejnilu ukoll il-qbiela tar-raba' kollha li kellna tal-Magħtab, ossia tal-Għallis u l-beni li kellna l-Magħtab ossia tal-Għallis.»* **Emanuel Camilleri** xehed li l-kumpens kien madwar €51,000 (ara Dok DB1 f'paġna 204 tal-atti tal-kawża numru 658/14).

- Fid-**9 ta' Lulju, 2011** ġie ppreżentat ir-rapport tal-Perit Psikjatra maħtur mill-Qorti fl-atti tar-rikors għall-interdizzjoni. Wara li eżamina lil Antonia Camilleri huwa rrakkomanda li tiġi interdetta billi: *«..għandha menomazzjoni fil-kapaċità konjittiva tagħha. Mill-eżami psikiku deher ċar illi l-memorja għal episodji riċenti hija mnaqqsa ħafna u aktar għandha memorja għal fatti remoti. Minkejja l-fatt illi ma jidhirx li tbati minn xi kundizzjoni psikjatrika akuta, stajt nikkonstata li l-funzjonament konjittiv tagħha huwa mnaqqas konsiderevolment. Dan jista' jkun minħabba l-fattur tal-età kif ukoll numru ta' kundizzjonijiet li jista' jwasslu għal nuqqas ta' ċirkolazzjoni fil-moħħ u tippreżenta kwadru kliniku ta' demenzja li tista' tkun tat-tip "multi-infarct". Fid-diskors tagħna kien hemm evidenza ta' disartria (titkellem b'ilsienha tqil) u f'xi żmien kienet anke tieħu l-warfarina. Dan jista' jfisser li fil-passat seta' kellha xi stroke. Għaldaqstant is-sinjura Camilleri hija vulnerabbli u tista' tiġi esplojtata minn terzi. Nirrakkomanda illi tiġi interdetta u jinħatar kuratur biex jissalvagwardja l-interessi tagħha»* (ara Dok EMM8 f'paġni 49 sa 52 tal-atti tal-kawża numru 658/14).

- Fid-**9 ta' Novembru, 2011** il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) interdiċiet lil Antonia Camilleri u ħatret lill-attriċi Josephine Camilleri bħala kuratriċi tagħha (ara paġna 41 tal-atti tal-kawża numru 658/14).

- Fid-**29 ta' Novembru, 2011**, il-konvenut ippreżenta rikors fejn talab ir-revoka *contrario imperio* tad-digriet tal-interdizzjoni ta' Antonia Camilleri; u alternattivament li tiġi ordnata l-inabilitazzjoni u li f'dak il-każ jinħatar kuratur tagħha huwa (ara Dok EMM9 f'paġni 54 u 55 tal-atti tal-kawża numru 658/14).

- Fl-**10 ta' Mejju, 2012**, il-Perit Psikjatra Dr Joseph Vella Baldacchino ppreżenta nota fejn ikkonferma li Antonia Camilleri mhix mentalment kapaċi biex toqgħod f'kawża, biex tagħmel testment jew kuntratti li permezz tagħhom tittrasferixxi beni u/jew tidħol f'obbligi kuntrattwali (ara paġna 57 tal-atti tal-kawża numru 658/14).

- Fit-**18 ta' Lulju, 2012,** il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġudisdizzjoni Volontarja) wara li qieset id-dikjarazzjoni kategorika li għamel il-perit psikjatra fin-nota tiegħu, ikkonkludiet li ma kienx il-każ li tħassar jew tvarja d-digriet tagħha tad-9 ta' Novembru 2011. Għalhekk ċaħdet ir-rikors tal-konvenut (ara paġna 58 tal-atti tal-kawża numru 658/14).

- Fis-**6 ta' Diċembru, 2013** infetħet il-kawża tal-lum.

- Fl-**1 ta' April, 2014** mietet Antonia Camilleri.

- Fil-**15 ta' Lulju, 2024** saret l-apertura tat-testment sigriet (ara paġna 48 tal-atti tal-kawża numru 658/14).

- Fil-**25 ta' Lulju, 2014**, infetħet il-kawża 658/14 biex timpunja t-testment sigriet ta' Antonia Camilleri.

- Fit-**28 ta' Frar, 2018** ġiet deċiża l-kawża numru 658/14. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet li Antonia Camilleri kienet ġiet imġiegħla mill-konvenut tagħmel it-testment sigriet.

- Fil-**25 ta' Frar, 2021**, il-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

- Fis-**26 ta' Marzu, 2021**, il-Qorti tal-Appell ċaħdet it-talba għar-ritrattazzjoni u kkonfermat is-sentenza tagħha tal-25 ta' Frar, 2021.

46. Stabbilit dan, din il-Qorti tqis li jkun ta' siwi li tħares lejn il-prinċipji u l-ġurisprudenza li għandha żżomm quddiem għajnejha biex tistħarreġ dan

l-aggravju tal-appellanti.

47. Kwalunkwe kuntratt jew ftehim għandu favur tiegħu l-preżunzjoni tas-sinċerità u tar-realtà. Min irid iwaqqa' din il-preżunzjoni jrid iġib il-prova konkludenti u persważiva tan-nuqqas minnu allegata. Din il-prova tista' ssir bi kwalunkwe mod permess mil-liġi, anki permezz ta' xhieda; iżda dan il-prinċipju jiġi applikat b'rigur akbar meta jiġi impunjat att pubbliku, minħabba l-akbar fidi li tirriponi fih il-liġi. Għalhekk id-deduzzjonijiet kontra dak l-att għandhom ikunu speċifici u ċirkostanzjali, u l-preżunzjonijiet gravi, preċiżi u konkludenti (**Vol 27 p2 p 551** u **Vol 37 p2 p 797**). Hemm bżonn, kif jgħid ***Butera***, li jiġu mħarsa, «*la sicurezza e la stabilità delle contrattazioni e la protezione di chi ha seguito la fede e la realtà dell'altro contraente*» (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-7 ta' Diċembru, 2023 fil-kawża fl-ismijiet ***Avukat Dottor Robert Zammit v. Constantino Abela et***; u ***Pauline Vella Moran et v. Concetta Abela***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili deċiża fis-27 ta' Novembru, 2012).

48. Kif tajjeb qalet l-Ewwel Qorti l-azzjoni tal-lum mhix fuq il-kapaċità mentali ta' Antonia Camilleri fil-mument tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' donazzjoni, iżda hija dwar l-allegazzjoni li l-kunsens tagħha kien meħud bi vjolenza u qerq.

49. L-**Artikolu 974 tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi li: «*Jekk il-kunsens ikun*

*ġie mogħti bi żball, jew meħud bi vjolenza, jew b'għemil doluż, ma jkunx jiswa.»* Imbagħad l-**Artikolu 978(1) tal-Kodiċi Ċivili** jistipula li, *«Il-kunsens jitqies meħud bil-vjolenza meta l-vjolenza hija tali li taħkem fuq persuna raġonevoli u ġġegħilha tibża' li hija nfisha jew ħwejjiġha jistgħu jiġu mqiegħda għal xejn b'xejn f'perikolu ta' ħsara kbira.»* ***Is*-subartikolu (2)** jgħid li, *«F'dawn il-każijiet, għandhom jitqiesu l-età, is-sess, u l-kondizzjoni tal-persuna.»*

50. Ġie mtenni mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tal-1 ta' Diċembru, 2006 fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Caruana v. Pawlu Falzon et*** li biex vjolenza morali tikkostitwixxi vizzju tal-kunsens li jwassal għan-nullità tal-kuntratt, hemm bżonn li dik il-vjolenza tkun il-kawża determinanti tal-kuntratt, u li l-kunsens ikun il-frott tal-vjolenza eżerċitata biex jinkiseb il-kunsens. Kif intqal drabi oħra, *«Biex il-vjolenza morali tammonta għall-vizzju tal-kunsens hemm bżonn li tkun determinanti, inġusta u gravi u tali tagħmel impressjoni fuq persuna raġonevoli u li tiġġenera l-biża' li tesponi inġustament lill-persuna tagħha jew il-ġid tagħha għal dannu gravi… Il-kwistjoni jekk hemmx vjolenza hija indaġni li hija mħollija interament fil-prudenza tal-ġudikant» (ara wkoll* ***Kollez. Vol.XXIX.11.749****).»*

51. Illi fis-sentenza tat-13 ta' Lulju, 2020 fil-kawża fl-ismijiet ***Calcedonia Pace v. Patrick Pace***, il-Qorti tal-Appell kellha quddiemha każ ta' kostituzzjoni ta' debitu li mara anzjana ta' 82 sena għamlet favur

binha. Il-Qorti tenniet hekk:

> *"Illi s-sentenza appellata sabet favur l-appellata għaliex mill-ġabra tal-provi mressqa quddiemha rriżultalha li l-appellata, persuna anzjana ta' tnejn u tmenin (82) sena, kienet persuna dgħajfa, filwaqt li l-appellant, min-naħa l-oħra, ħareġ bħala persuna li għandha karattru b'saħħtu u li jrid li tgħaddi tiegħu. L-ewwel Qorti qieset ukoll li l-kuntratti u l-prokura ġenerali mertu ta' din il-kawża, saru fi żmien qasir qrib xulxin meta l-appellant kien jgħix fid-dar ta' ommu. Minkejja li l-appellata kellha nutar tal-fiduċja tagħha, u minkejja li l-appellant kien jaf b'dan, għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu l-appellant għażel li jinqeda b'nutar ieħor, ġimgħat biss wara li l-appellata tagħtu b'donazzjoni s-sehem indiviż li kellha mill-fond u l-garaxx ġewwa Birkirkara. Ittenni li kien l-appellant li seħaq li tinħareġ il-prokura ġenerali li ssejjaħ lilu;*
>
> *Illi din il-Qorti tqis li l-ewwel Qorti għarblet sewwa ċ-ċirkostanzi fattwali u legali li jolqtu l-każ, u qieset l-aspetti tal-vizzju tal-kunsens minħabba l-pressjoni li ġie eżerċitat fuqha fis-sura ta' vjolenza psikika u morali, bħala l-bażi tal-konklużjonijiet tagħha. Dan kollu seħħ wara li l-partijiet ingħataw il-fakultà li jressqu s-sottomissjonijiet tagħhom dwar il-kawżali kollha li fuqhom hija mibnija l-kawża attriċi, u qabel ma ngħatat is-sentenza appellata. Minn dawk l-istess fatti u ċirkostanzi, din il-Qorti tasal għall-fehma li l-kunsens tal-appellata kien tassew vizzjat bi vjolenza psikika u morali. Din il-Qorti qieset ukoll is-sottomissjonijiet rilevanti magħmula mid-difensur tal-appellant waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell, b'mod partikolari dwar l-imġiba murija lejn l- appellata minn uliedha fi żminijiet differenti minn mindu romlot. Huwa sewwasew minħabba dawk is-sottomissjonijiet li din il-Qorti tagħraf x'kien il-qafas tal-imġiba fi ħdan il-familja tal-appellata u kif uħud minn uliedha kienu jġebbdu fiha jew jagħsru minnha biex jiksbu li jistgħu qabel ma jidħol ħaddieħor u jaħtaf hu. Din il-Qorti ma tistax tqis jew tgħaddi ġudizzju fuq dak li seta' għamel ħaddieħor f'ċirkostanzi oħrajn, imma trid toqgħod ma' dawk il-fatti li dwarhom saret din il-kawża;*
>
> *Illi tajjeb li jingħad li l-vjolenza morali, għall-kuntrarju tal-vjolenza fiżika, hija raġuni li tista' twassal għat-tħassir ta' kuntratt. Kemm hu hekk jingħad li, "La violenza si concreta in minacce, in pressioni gravi, che inducono una parte a concludere il negozio; si distingue la violenza morale (timore, paura) dalla violenza fisica (costrizione fisica a firmare); solo la prima è un vizio della volontà e pertanto provoca l'annullamento; la seconda é invece indicativa di mancanza di volontà; configurandosi quindi come assenza di un elemento essenziale, provoca la nullità e non l'annullabilità del negozio .. .. .. Per essere giuridicamente rilevante la violenza morale o psichica deve consistere in una minaccia grave e ingiusta. .. .. .. Insomma, non qualsiasi minaccia o pressione, ma solo quelle che, in considerazione dei criteri indicati, possono incutere timore ad una persona 'sensata' costituiscono causa di annullamento. Il controllo dunque si fa usando un parametro di questo tipo, confrontando*

*cioè la parte che assume di aver subito violenza con una persona sensata di eguale età e sesso, che, trovandosi nelle medesime condizioni, si senta coattata dalla controparte. Il semplice timore reverenziale non è rilevante. .. .. .. La violenza inoltre deve essere ingiusta: si deve tener distinta dalla minaccia di far valere un diritto .. ..” (**G. Alpa Corso di Diritto Contrattuale** (Cedam 2006) § 12.13 f’paġ. 137);*

*Illi mkien ieħor jingħad li “.. .. la violenza psichica, a differenza di quanto abbiamo visto accadere per la violenza fisica (nella quale manca del tutto la volontà), produce non la nullità, ma l’annullabilità del negozio. Una volontà v’è sempre, ancorché non spontanea, ma determinata dall’altrui minaccia, e poiché, cessata la violenza, la vittima potrebbe essersi adattata alla situazione determinata dalla dichiarazione emessa, l’ordinamento affida a chi ha subito la violenza la valutazione circa l’opportunità di agire, oppor no, per l’annullamento” (**A. Torrente Manuale di Diritto Privato** (Ed. P. Schlesinger) § 114 f’paġ. 200). Tali vjolenza trid toħroġ mit-theddida ta’ ħaddieħor (‘metus ab extrinseco’), imqar jekk ma jkunx il-parti l-oħra kontraenti u trid tintwera li tkun iċ-ċirkostanza determinanti li tkun wasslet lil persuna biex, minkejja r-rieda tagħha, tersaq għall-kuntratt (‘metus causam dans’) u qabel ma jkun sar dak il-kuntratt;*

*Illi xieraq jingħad ukoll li biex il-vjolenza tħassar il-kunsens, irid jintwera li kienet (a) il-kawża determinanti li tkun ġiegħlet lill-parti li tidher għall-kuntratt (P.A. 14.11.1935 fil-kawża fl-ismijiet **Bartolo utrinque** (Kollez. Vol: XXIX.ii.749)), (b) il-frott tal-ħidma tal-persuna li eżerċitatha biex jinkiseb dak il-kunsens u (ċ) li l-kunsens hekk meħud ikun ir-riżultat tal-vjolenza hekk eżerċitata u mhux ir-riżultat aċċidentali ta’ għemil maħsub biex jinkiseb riżultat ieħor (P.A. 29.10.1949 fil-kawża fl-ismijiet **Soler noe v. Campbell noe** (Kollez. Vol: XXXIII.ii.431)). Għalhekk, biex il-vjolenza tkun biżżejjed biex ixxejjen il-kunsens, trid tkun determinanti, gravi u, fuq kollox, inġusta b’mod li tqanqal f’persuna raġonevoli biżgħa li tesponi lilha jew lil xi qarib tagħha għal ħsara fil-ġid jew fil-persuna tagħha (P.A. GV 30.6.2000 fil-kawża **Francis Scicluna v. Dominic Cutajar** (konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-16.4.2004). Huwa miżmum ukoll li biex it-theddida tkun gravi u determinanti jrid jintwera (minn min jallega l-vjolenza) li l-parti ma kellhiex mod kif teħles mill-vjolenza eżerċitata fuqha jekk mhux billi tiffirma l-obbligazzjoni li tkun tressqet quddiemha (P.A. TM 25.3.2004 fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Busuttil noe v. Anthony Żahra et** (mhix appellata))”*

52. Imbagħad għal dik li hija l-kawżali tal-qerq, huwa magħruf li l-qerq mhuwiex preżunt iżda għandu jiġi ppruvat (ara l-**Artikolu 981(2) tal-Kodiċi Ċivili**). Fil-liġi tagħna l-prova tal-qerq trid issir mill-parti li tallegah

(ara ***Reverendu Saċerdot Don Francesco Zammit v. Avukat Dottor Anthony Farrugia et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali fil-31 ta' Marzu, 1967). Minbarra dan, hija trid turi wkoll li l-parti l-oħra kellha l-fehma jew l-intenzjoni li tqarraq b'tali mod illi tkun nisġet skema bi ħsieb partikolari li tilgħab lill-parti l-oħra biex tersaq għall-ftehim (ara **Caruana Galizia, Notes on Civil Law – Obligations**, paġna 272 u s-sentenza ***Ian Busuttil et v. Carmen Taliana*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Diċembru, 2002).

53. Biex il-qerq jagħti lok għat-tħassir ta' rabta kuntrattwali, irid jintwera li l-għemil diżonest u l-iskemi mħaddma mill-parti li tkun qarrqet iwasslu lill-parti l-oħra li tersaq għall-ftehim bil-fehma li l-elementi essenzjali tal-kuntratt ikunu mod, meta fil-fatt dawk l-elementi jew uħud minnhom ikunu mod ieħor (ara ***P.L. Joseph Zammit noe v. Joseph Fenech*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Marzu, 2004). Fuq kollox, dak il-qerq irid ikun ta' tali gravità u serjetà, li kieku ma jkunx għalih, il-parti l-oħra ma kinitx tersaq għall-ftehim (ara ***Rita Camilleri et v. Marco Gaffarena et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Mejju, 2017). Jekk imbagħad, il-qerq ikun tali li jwassal lill-parti mqarrqa għal żball dwar l-oġġett tal-ftehim, tali żball irid ikun wieħed skużabbli, jiġifieri wieħed li l-parti mqarrqa ma setgħetx tintebaħ bih bid-dehen ordinarju tagħha (ara ***Paul Tanti pro et noe et v. Sammy Mifsud et*** noe deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Settembru, 2009; ***Monique Troisi et v. Kristino Abela et*** deċiża mill-

Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2020 u ***Joseph Mary Cutajar et v. S.C & Company Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2023).

54. Meta dan it-tagħlim ġurisprudenzjali jitħaddem għall-każ tagħna, din il-Qorti ssib li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija inċensurabbli. Mill-provi li tressqu huwa aktar milli ovvju li l-inkwiet familjari dwar il-wirt kien ilu jberren fil-familja Camilleri. Xhieda ta' dan huma l-bosta dikjarazzjonijiet li saru mill-omm u l-missier fejn filli jesprimu fiduċja fil-konvenut Joseph Camilleri u filli jingħad li kien hemm rikatt min-naħa tiegħu. Dawn id-dikjarazzjonijiet huma pjuttost insoliti u huma prova tal-pressjoni li dawn iż-żewġ ġenituri kien qiegħed ikollhom mit-tfal kollha. Id-differenza iżda hija li filwaqt li l-atturi kienu jinsistu li l-wirt jinqasam ugwalment bejn is-sitt aħwa, il-konvenut ried kollox għalih.

55. Il-konvenuti jisħqu li huma kienu joħorġu ħafna lill-omm u li kienu jieħdu ħsiebha u saħansitra jwassluha għall-appuntamenti mediċi li kien ikollha. Ġie ppreżentat il-ktieb tal-viżitaturi tad-dar tal-anzjani. Barra mill-fatt li ma tressaq ebda rappreżentant tad-dar tal-anzjani sabiex jikkonferma l-veraċità ta' dan id-dokument (iżda ma kienx hemm kontestazzjoni dwaru mill-atturi), huwa biss fl-aktar żmien reċenti li huwa biċ-ċert li Joseph Camilleri tniżżel li mar. Fil-maġġoranza tal-paġni nsibu miktub '*J. Camilleri*' li jista' kien huwa u jista' jkun kienet oħtu Josephine Camilleri li marret taraha daqshekk spiss jew taħlita tat-tnejn. Mill-provi

jirriżulta li b'xi mod jew ieħor l-ulied kollha kienu jmorru jżuru lil ommhom. Però bilfors huwa minnu li l-konvenuti kienu joħorġu lil Antonia Camilleri (x'aktarx mingħajr l-għarfien tal-aħwa l-oħra) għaliex kieku ma kienx jitħalla l-avviż tal-4 ta' Settembru, 2012 sabiex ma jibqax joħroġ lil ommhom għaliex kien ta' strapazz u kedda u hija qaltilhom li tippreferi toqgħod fid-dar tal-anzjani (ara Dok JC3 f'paġna 177). Prova oħra hija l-istess kuntratt ta' donazzjoni għaliex inħarġet mid-dar tal-anzjani biex ħaduha d-dar tagħhom u ġabulha n-Nutar.

56. Jidher li l-imġiba tal-konvenuti lejn Antonia Camilleri ma kinitx imnebbħa minn skop ġenwin u b'rieda tajba iżda bi skop biex jiksbu kemm jifilħu mingħandha.

57. Jekk nieħdu ż-żmien meta sar il-kuntratt ta' donazzjoni, Antonia Camilleri kellha 82 sena. Huwa minnu li dan ma jfissirx awtomatikament li għaliex kienet avvanzata fl-età, allura l-kunsens tagħha b'xi mod jew ieħor ma kienx jiswa. Però huwa l-**Artikolu 978(2) tal-Kodiċi Ċivili** nnifsu li jindirizzana biex inħarsu lejn l-età, fost oħrajn, biex inqisu jekk il-kunsens kienx meħud bil-vjolenza. Meta nqisu l-provi li tressqu din il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li Antonia Camilleri kienet mara vulnerabbli ħafna u dgħajfa kemm fiżikament u anke mentalment. Fiżikament għaliex kienet ilha marida snin twal u lejn l-aħħar ta' ħajjitha l-mard kompla jgħakkisha. Mentalment din il-Qorti qiegħda tqis li ċ-ċertifikat tal-Psikjatra

Dr Anthony Dimech (maħruġ fis-7 ta' Settembru, 2010) u r-rapporti tal-Psikjatra maħtur mill-Qorti Dr Joseph Vella Baldacchino (maħruġa fid-9 ta' Novembru, 2011 u fl-10 ta' Mejju, 2012) jaqblu li Antonia Camilleri kellha bosta problemi. Il-kuntratt ta' donazzjoni sar seba' xhur wara ċ-ċertifikat ta' Dr Dimech u seba' xhur qabel l-eżami ta' Dr Vella Baldacchino. Għalhekk fuq bażi ta' probabbiltà ġie ppruvat li Antonia Camilleri kienet mara vulnerabbli fl-aspetti kollha tagħha u żgur li ma kellhiex is-saħħa li tikkuntrasta r-rieda ta' xi ħadd li tkun qiegħda tiġi imposta fuqha u lanqas li tintebaħ b'xi nisġa ta' qerq li tkun qiegħda tinħema. Fuq kollox skont l-**Artikolu 525(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, l-atti ta' qabel l-interdizzjoni jew inabilitazzjoni jistgħu jiġu annullati, jekk kif irriżulta f'dan il-każ, ir-raġuni tal-interdizzjoni jew tal-inabilitazzjoni kienet teżisti fiż-żmien li saru dawk l-atti.

58. Jgħidu x'jgħidu l-konvenuti huma kienu jafu li kienu nbdew proċeduri ta' interdizzjoni mill-ħames aħwa tal-konvenut. Verament il-konvenut ma kienx għadu ġie notifikat formalment bl-atti tar-rikors, iżda kien diġà ġie avżat fis-6 ta' April, 2011 meta l-aħwa ltaqgħu għand in-Nutar Spiteri minħabba t-testment tal-missier. Kien ilu jipprova jaħrab li jiġi notifikat bl-atti. Il-konvenut ma jistax jitwemmen li huwa kien mingħalih li ħutu ma kinux se jkomplu bil-proċess. Xejn ma kien iwaqqfu milli jwettaq il-verifiki tiegħu li kieku kellu rieda tajba. Il-konvenut kellu f'moħħu iżda l-

interessi tiegħu u xejn aktar.

59. Din il-Qorti hija konvinta li l-ġrajja kif seħħew fiż-żmien rilevanti u li wasslu għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt li s-siwi tiegħu qiegħed jiġi attakkat inħadmu biex Antonia Camilleri tersaq għall-pubblikazzjoni tiegħu f'sitwazzjoni, li kieku kienet tħalliet tagħraf x'kienu ċ-ċirkostanzi ma kinitx tidħol għalih.

60. Il-provi huma turija ta' dan. Ma jirriżultax li kien hemm vjolenza fiżika, imma l-vjolenza mhux bilfors trid tkun fiżika kif rajna. Dan kien każ ta' vjolenza morali. Din ma kinitx biss preżenti qabel ma sar il-kuntratt ta' donazzjoni iżda anke wara kif diġà semmejna.

61. Sabiex sar dan il-kuntratt, Antonia Camilleri nħarġet mid-dar tal-anzjani u ttieħdet fid-dar tal-konvenuti. Jidher li ftit jiem qabel raha l-Psikjatra Dr George Debono li skontu kienet kapaċi tikkuntratta. In-Nutar li ssejjaħ ma kienx in-Nutar li s-soltu kienet tinqeda bih Antonia Camilleri. Ma kienx jafha. In-Nutar xehed li ma nnutax affarijiet partikolari għaliex kieku kien jieqaf (ara x-xhieda tiegħu tal-20 ta' Ġunju, 2017) iżda huwa qatt ma kien iltaqa' magħha qabel u għalhekk diffiċilment seta' jagħraf jekk kinitx komda bis-sitwazzjoni. Lanqas kien jaf, pereżempju, li hija ma kinitx tirrisjedi f'dik id-dar. Fuq kollox jirriżulta li l-konvenuti ma tgħarrfulux li kien hemm proċeduri mibdija sabiex l-istess Antonia Camilleri tiġi

interdetta.

62. Id-donazzjoni nnifisha tqajjem ukoll dubju. Ingħatat lil mart il-konvenut u jingħad għal serviġi. Mill-atti ma jirriżultax li ngħataw tant serviġi li kien hemm il-ħtieġa ta' donazzjoni, eventwalment ta' testment sigriet u saħansitra dikjarazzjoni li l-kumpens tal-esproprjazzjoni ta' art (madwar €51,000) ittieħed mill-konvenut ukoll. Dan kollu sar fi ftit xhur. Meta mill-atti jirriżulta li l-miżżewġin John u Antonia Camilleri (ftit xhur qabel ma sar il-kuntratt ta' donazzjoni ddikjaraw li xtaqu li l-ulied jieħdu l-istess), allura x'inbidel f'dawk il-ftit xhur? Barra l-mogħdija taż-żmien, miet John Camilleri fis-16 ta' Jannar, 2011 u dan żgur u mhux forsi kompla dgħajjef lil martu.

63. Hekk kif tenniet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Ġunju, 2019 fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Speranza Buttigieg et v. Cutajar JS (Hldings) Limited***, *«Għall-kuntrarju ta' dak li jrid jirriżulta fil-kawżali tal-vjolenza – fejn iċ-ċirkostanzi li jnisslu l-vjolenza jridu jintwerew li kienu jeżistu qabel ma jkun sar il-kuntratt attakkat – f'dan il-każ jeżistu ċirkostanzi li ġraw wara l-pubblikazzjoni tal-kuntratt (u li wkoll kienu rilevati mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata) li jixhdu bla l-iċken dubju kemm it-tfassila tal-appellanti kienet waħda li ma ikkuntentatx ruħha biss bil-pubblikazzjoni tal-kuntratt, imma li turi li dak il-kuntratt kien biss ħolqa waħda min-nisġa ta' ġrajjiet fi pjan preċiż***.» Din is-silta tgħodd ukoll għall-

każ tagħna.

64. Għall-kompletezza jingħad li huwa minnu li skont il-liġi biex l-għemil doluż jikkostitwixxi motiv għar-rexxissjoni ta' kuntratt, dak l-għemil irid ikun ġie perpetrat mill-kontraent l-ieħor. Dan kuntrarjament għall-vjolenza, li b'dispożizzjoni espressa tal-liġi tikkostitwixxi motiv ta' rexxissjoni anke fejn din tiġi mwettqa minn terz skont l-**Artikolu 977 (1) tal-Kodiċi Ċivili**. Madanakollu, kemm id-duttrina u kemm il-ġurisprudenza ammettew il-possibbiltà li r-rexxissjoni tal-ftehim abbażi tal-għemil doluż jista' jiġi akkordat fejn dak l-għemil doluż jitwettaq minn terz, b'dan li l-kontraent l-ieħor ikun xjenti u passivament kompliċi għall-istess. *«I pratici ammettono eccezionalement l'azione rescissoria anche a causa di dolo esercitato da un terzo, quando essa, sebbene non partecipe del dolo, ne abbia conosciuto l-esistenza nel momento del contratto. Sarebbe questa, se è lecito dirlo, una complicità passiva, che lo sottoporrebbe alle conseguenze medesime della partecipazione diretta»* (**Giorgi**, **Teoria delle Obligazioni, Vol. IV, para. 102**). Jidher li anke l-ġurisprudenza tagħna aċċettat din il-propożizzjoni, tant li jinsab imtenni li l-involviment tal-kontraent l-ieħor fl-għemil doluż lamentat irid ikun attiv jew passiv (ara ***Joseph Aquilina et v. Alfred Ellul*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta' Marzu 2003 u s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-24 ta' Frar, 2016 fil-kawża fl-ismijiet ***Adrian Vella Petroni et v. HSBC Bank Malta plc et*** fejn dik il-Qorti qablet mal-Perit

Legali).

65. Għalhekk dan l-aggravju se jiġi miċħud ukoll billi mhux mistħoqq.

66. Ladarba din il-Qorti qieset li l-kunsens ta' Antonia Camilleri ittieħed b'qerq u vjolenza min-naħa tal-konvenuti u jirriżulta wkoll in-ness bejn dan l-għemil u l-kuntratt li qiegħed jiġi attakkat, m'hemmx il-ħtieġa li tqis it-**tielet aggravju** tal-konvenuti f'xi dettall. Permezz ta' dan l-aggravju l-konvenuti lmentaw li l-Ewwel Qorti ma qisitx is-serviġi mwettqa mill-konvenuta. Din il-Qorti, fi kwalunkwe każ, diġà qieset li jekk kien hemm xi serviġi (u l-Qorti għandha d-dubji tagħha kemm dawn kienu ta' ċertu konsistenza) dawn ma kienx jistħoqqilhom la dak li ngħata bil-kuntratt ta' donazzjoni u lanqas bil-kumplament. Tant li l-ulied oħra tħallew barra għalkollox. Ma kien hemm l-ebda raġuni plawsibbli għalfejn l-ulied l-oħra kellhom jitħallew barra meta jidher li huma wkoll kienu f'ħajjet Antonia Camilleri b'mod regolari u kienu jżuruha wkoll fid-dar tal-anzjani.

67. Għaldaqstant lanqas dan l-aggravju mhu siewi.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda **<u>tiċħad</u>** l-appell tal-konvenuti Yvonne u Joseph Camilleri u tikkonferma f'kollox is-sentenza

appellata, bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenuti appellanti. B'dan li t-terminu ta' sitt xhur għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt għandu jitlaq mid-data ta' din is-sentenza.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph R. Micallef<br>Aġent President | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm